IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2013
COM(2013) 332 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Seba' Rapport Annwali tal-2012 dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Seba' Rapport Annwali tal-2012 dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006[1] (ir-"Regolament dwar l-Għajnuna") huwa l-bażi għall-assistenza lill-komunità Turko-Ċiprijotta (KTĊ) u jirrikjedi rapportar annwali lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport ikopri s-sena 2012.

2. L-IPPROGRAMMAR TAL-ASSISTENZA

Bejn l-2006 u tmiem l-2012, ġew ipprogrammati EUR 311 miljun għal operazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar l-Għajnuna. L-iżvilupp tal-programm tal-2012 (EUR 28 miljun) uża l-kontribuzzjoni minn konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, partikolarment workshops fil-livell settorjali, minn evalwazzjonijiet esterni kif ukoll qies ir-Rapport Speċjali Nru 6 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-assistenza għall-komunità Turko-Ċiprijotta[2]. L-allokazzjoni tal-2012 saret disponibbli skont żewġ Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni[3].

3. IL-MEKKANIŻMI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-programm hu implimentat f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern ma jeżerċitax il-kontroll effettiv u fejn l-applikazzjoni tal-acquis communautaire hija temporanjament sospiża skont il-Protokoll 10 tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-assistenza hija implimentata primarjament permezz ta' ġestjoni ċentralizzata mill-Kummissjoni Ewropea. Xi proġetti huma ġestiti b'mod konġunt mal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP).

Il-Kummissjoni topera f'kuntest politiku, legali u diplomatiku uniku. Huma meħtieġa arranġamenti ad hoc sabiex jiġi implimentat il-programm filwaqt li jitħarsu l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda. Fi programmi ta' għajnuna ffinanzjati mill-UE, f'ċirkostanzi normali, ftehimiet ma' gvern li jibbenefika jistabbilixxi l-qafas legali tal-għajnuna għall-iżvilupp. Ma jistgħu jsiru l-ebda arranġamenti bħal dawn għall-assistenza lill-KTĊ u l-Kummissjoni trid toqgħod fuq dak li taħseb li għandhom ikunu r-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli lokalment. Dan idaħħal ċertu livell ta' riskju. Il-ġestjoni u l-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju huma parti mir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u fost il-miżuri adottati hemm monitoraġġ u sostenn intensiv għall-benefiċjarji, kundizzjonijiet riveduti ta' pagament, u użu aktar mifrux ta'garanziji bankarji.

Il-KTĊ trid tipprovdi biżżejjed prijorità u riżorsi sabiex dan il-programm ikun suċċess u b'mod partikolari sabiex tiżgura s-sostenibbiltà tiegħu fuq medda twila ta'

---

1 ĠU L65, 7.3.2006, p.5.

2 http://eca.europa.eu/portal/page/portal/pressroom/Presspacks/Previouspresspacks/2012/PresspackSR62012

3 Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2012)4628 u C(2012)8361.

żmien. Dawn iridu jiżguraw li l-assi ffinanzjati mill-UE jibqgħu f'idejn pubbliċi. Il-partijiet interessati Turko-Ċiprijotti jiġu kkonsultati dwar il-ħtiġijiet tagħhom ta' finanzjament fil-futur u esperti Turko-Ċiprijotti jieħdu sehem f'kumitati ta' evalwazzjoni tal-offerti u għandhom rwol ewlieni fil-kumitati ta' tmexxija tal-proġetti. Il-kooperazzjoni bejn il-komunità Torka-Ċiprijotta u dik Griega-Ċiprijotta tibqa meħtieġa għall-effikaċjà sħiħa tal-programm u biex jinkiseb l-għan aħħari tar-riunifikazzjoni.

It-Tim tal-Programm juża l-Uffiċċju ta' Sostenn għall-Programmi tal-UE (EUPSO) fil-parti tat-Tramuntana ta' Nikosija. Ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ċipru tospita wkoll laqgħat u seminars u tikkomunika mal-pubbliku Ċiprijott dwar il-programm bħala parti mir-rwol standard tagħha.

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi deskritti hawn fuq, ma jistgħux jiġu konċeputi b'ħeffa programmi ta' żvilupp tas-settur. Minflok, l-assistenza tinkludi ammont sinifikanti ta' appoġġ permezz ta' għotja, partikolarment lill-atturi mhux fis-settur pubbliku. Il-ġestjoni ta' dawn l-iskemi hija impenjattiva fejn jidħlu r-riżorsi tat-Tim tal-Programm, fejn is-sitwazzjoni tal-persunal hija mfixkla b'mod partikolari minn taqlib qawwi minħabba l-perjodu qasir ta' validità tal-kuntratti tal-persunal.

L-isfidi ta' ppjanar għal perjodu medju, u għat-tul għadhom hemm, peress li l-arranġament attwali huwa li l-finanzjament jiġi mill-marġini tal-baġit tal-UE. Dan ifisser li l-baġit huwa imprevedibbli, mingħajr garanzija għall-allokazzjonijiet annwali. Fir-Rapport tagħha msemmi hawn fuq, il-QEA qieset li din l-inċertezza trendi aktar diffiċli l-ġestjoni tal-programm u għandha impatt negattiv fuq l-effettività u s-sostenibbiltà tiegħu.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

4.1. Ħarsa Ġenerali

Il-QEA kkonkludiet li, minkejja l-kuntest politiku diffiċli u skeda aċċelerata, il-Kummissjoni rnexxielha tistabbilixxi programm li kien jirrifletti l-għanijiet tar-Regolament, ipprijorizzat b'mod xieraq is-setturi kollha msemmija fl-objettivi tar-Regolament, u introdućiet metodi ta' implimentazzjoni u miżuri ta' taffija tar-riskju li huma f'sens wiesa' xierqa. Il-QEA nnutat ukoll għadd ta' nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-programm, u qieset li s-sostenibbiltà tal-proġetti spiss tkun f'dubju minħabba kapaċità amministrattiva limitata, id-dewmien fl-adozzjoni tat-testi legali rilevanti u l-inċertezzi dwar finanzjament futur min-naħa tal-KTĊ. Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA b'xi eċċezzjonijiet. Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapport tal-QEA[4] f'Lulju. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-kontroll tal-baġit adottat rapport[5] f'Diċembru.

Il-parti tal-programm li toriġina mill-allokazzjoni finanzjarja kbira tal-2006 kienet tinkludi kuntratti maġġuri ta' provvista u ta' kostruzzjoni fl-oqsma tal-ilma/l-ilma tad-drenaġġ, l-iskart solidu, il-ħarsien tan-natura, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni kif ukoll programmi ta' għajnuna teknika sostanzjali, u madwar 1000 kuntratt ta' għotja taħt skemi varji għall-NGOs, l-SMEs, il-bdiewa, il-komunitajiet rurali, l-iskejjel, u l-istudenti. Sa tmiem l-2012, ħafna minn dawn tlestew. Bħala konsegwenza, l-2012 kienet sena meta bdew jidhru b'mod partikolari r-riżultati tal-programm u l-benefiċċji lill-KTĊ bdew jinħassu b'mod konkret. Inżammet

[4] 12526/12
[5] PE497.895v03-00

konċentrazzjoni fuq l-attivitajiet bikomunali u l-bini tal-fiduċja, b'mod partikolari bl-appoġġ kontinwu u miżjud lill-Kumitat dwar Persuni Nieqsa u lill-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Wirt Kulturali permezz ta' ġestjoni konġunta mal-UNDP. Il-ħidma kienet tinkludi wkoll tħejjija għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis wara soluzzjoni possibbli għall-problema ta' Ċipru u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-ordni politika u legali tal-Unjoni Ewropea lill-KTĊ. Tnedew erba' skemi ġodda ta' għotja matul is-sena 2012 biex jingħata appoġġ lil intrapriżi rurali, SMEs, skejjel, studenti u għalliema.

Matul l-2012 ingħalqu bosta kuntratti (190), primarjament ta' għotja, biex b'hekk, fi tmiem is-sena, kienu għadhom miftuħa 402 kuntratt. Dan in-numru jogħla hekk kif il-programi tal-2011 u l-2012 jaqbdu r-ritmu sħiħ tagħhom. Is-sena li għaddiet, bix-xoljiment tal-attivitajiet li joriġinaw fl-2006, kienet ukoll okkażjoni għat-tnedija ta' sforz sostanzjali ta' evalwazzjoni.

Il-problema li qamet fl-2011 fejn jidħol l-istatus tal-garanziji bankarji għadha ma ssolvietx. Kif ġie rrappurtat is-sena l-oħra, kuntrattur lokali fetaħ kawża f"qorti" lokali, minflok ma segwa l-proċeduri ta' soluzzjoni tad-disputi stipulati fil-kuntratt, u dan wassal għal inġunzjonijiet li ma ħallewx li ssir il-prelevazzjoni ta' garanziji bankarji maħruġa minn banek lokali. Sabiex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni se toqgħod lura milli tiffirma kuntratti ta' natura simili ma' benefiċjarji u kuntratturi Turko-Ċiprijotti sakemm din il-kwistjoni tiġi riżolta b'mod sodisfaċenti. Kuntratturi lokali għamlu bojkott għal tmien xhur fuq kuntratti tal-UNDP, li affettwa proġetti ta' wirt kulturali ffinanzjati mill-UE, minħabba kwistjonijiet relatati mal-post li għandu l-ġuriżdizzjoni fil-każ ta' disputi.

Is-sostenibbiltà tal-investimenti huwa tħassib ieħor li għadu għaddej. Il-benefiċjarji mhux dejjem għamlu biżżejjed tħejjijiet tajbin biex ikunu jistgħu jieħdu f'idejhom il-proġetti, minkejja l-ħafna appoġġ mill-UE. Kien diffiċli għall-KTĊ sabiex issib ir-riżorsi għall-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' infrastruttura ġdida, għalkemm fl-aħħar ġew stabbiliti l-kuntratti għall-managers tal-impjanti ta' tisfija tad-drenaġġ li għadhom kif ġew trasferiti.

4.2. Il-progress skont l-objettivi

L-objettiv globali tal-Programm ta' Għajnuna hu li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-KTĊ, b'enfażi partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira, fuq it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE, u fuq it-tħejjija għall-acquis. F'ċerti oqsma sar kontribut konsiderevoli għat-titjib, partikolarment fejn jidħol l-ilma, id-drenaġġ u l-ambjent.

4.2.1. Objettiv 1: L-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura

L-impjant il-ġdid *tar-riċiklar tal-ilma tad-drenaġġ* Morphou/Güzelyurt għadda f'idejn il-benefiċjarju f'Jannar. L-amministrazzjoni tal-impjant għaddiet f'idejn kumpanija li toperah li tqabbdet mill-benefiċjarju lokali. Ladarba l-benefiċjarju lokali ikun lesta l-konnessjonijiet domestiċi kollha man-netwerk tad-drenaġġ li ġie trasferit fl-2011, is-sistema se tipprovdi, għall-ewwel darba, il-ġbir u r-riċiklar tal-ilma tad-drenaġġ f'dan ir-reġjun għal madwar 10 700 persuna.

Fi tmiem is-sena kien għaddej il-proċess tal-ikkummissjonar tal-impjant il-ġdid *tar-riċiklar tal-ilma tad-drenaġġ* f'Famagusta, fejn il-proċess tar-riċiklar kien qed jiffunzjona u l-impjant kien qed jipproduċi ilma nadif. Ix-xogħol fuq in-netwerks tad-drenaġġ u tal-ilma tax-xorb (total ta' 95 km) kien għadu għaddej, madankollu kien qed ikun hemm xi dewmien minħabba xi konnessjonijiet difettużi ta' pajpijiet li

kkawżaw dħul ta' ilma mielaħ li wassal għal problemi ta' tmermir fl-impjant tat-trattament. L-impjant se jservi madwar 30 000 persuna.

Fl-2012 kompliet il-kostruzzjoni tal-impjant bikomunali l-ġdid *għar-riċiklar tal-ilma tad-drenaġġ* ta' Nikosija f'Mia Milia/Haspolat, kofinanzjat mill-UE u mill-Bord tad-Drenaġġ ta' Nikosija u implimentat permezz tal-UNDP. F'Novembru ingħata bidu għar-riċiklar tad-drenaġġ u l-volum tal-produzzjoni qiegħda tiżdied bil-mod il-mod. It-tlestija u t-trasferiment tax-xogħlijiet huwa previst għall-ewwel nofs tal-2013. L-impjant se jservi madwar 270 000 persuna.

Il-programm ta' bini ta' kapaċità għall-ilma u l-ilma tad-drenaġġ intemm f'Diċembru b'workshop bħala konklużjoni. Ir-rendimenti tal-proġett inkludew fost oħrajn il-preparazzjoni ta' testi legali allinjati mal-acquis tal-UE, it-tqajjim ta' kuxjenza, l-ippjanar tal-immaniġġjar tal-assi, u t-taħriġ fit-teknika tal-analiżi.

Fejn jidħol il-*ħarsien tan-natura*, ma seta jsir l-ebda progress fuq iċ-ċentri ta' informazzjoni li għadhom ma tlestewx f'erba' żoni speċjali ta' protezzjoni ambjentali (SEPAs). Wara t-terminazzjoni ta' kuntratt fl-2011, il-kuntrattur Tork-Ċiprijott fetaħ kawża fil-"qorti" lokali biex iwaqqaf lill-Kummissjoni milli sejjaħ lura l-garanziji mill-bank lokali. Proġetti mibdija mit-TKĊ, pereżempju proġett ta' twessigħ ta' triq fil-peniżola Karpasia/Karpaz, jew tħaffir estensiv ta' barrieri fil-muntanji Kyrenia jqajmu tħassib dwar l-implimentazzjoni mill-KTĊ tal-pjani ta' ġestjoni tagħha stess tas-SEPAs, li kienu tħejjew bl-assistenza tal-UE.

Fil-qasam tal-*iskart solidu*, il-miżbla Koutsoventis/Güngör, l-istazzjon ta' trasferiment ta' Famagusta, it-tnejn ġodda, u l-apparat relatat ta' pproċesssar tal-iskart ġew trasferiti f'Marzu. L-amministrazzjoni tal-miżbla għaddiet f'idejn kumpanija li toperaha li tqabbdet mill-benefiċjarju. Il-miżbla Kato Dhikomo/Aşağı Dikmen, wara r-rijabilitazzjoni u l-għeluq, ġiet trasferita f'Ottubru. Il-proġett ta' bini tal-kapaċità għall-ġestjoni tal-iskart solidu intemm f'Diċembru.

Fis-*settur tal-enerġija*, l-azzjoni ewlenija kienet l-integrazzjoni tal-impjant tal-enerġija solari ta' 1.27 MW, kompletament operattiv sa minn Novembru 2011, bis-sistema ta' kontroll għal monitoraġġ remot. Madankollu, il-benefiċjarju għadu ma għamilx l-allokazzjoni ta' persunal iddedikat, biex tkun tista' tintuża b'mod effettiv u sostenibbli parti mill-apparat fornut, pereżempju fil-każ taċ-ċentru telefoniku ta' assistenza lill-klijenti.

L-apparat kollu ta' telekommunikazjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss ġie stallat. Madankollu, il-fażi tal-ittestjar, kienet tirrekjedi aktar tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-operatur u l-fornitur u l-benefiċjarju għad iridu jindirizzaw diversi kwistjonijiet pendenti. Testi legali bid-dettalji tal-modalitajiet tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ġew adottati f'Diċembru 2011, iżda l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu sseparati l-forniment tas-servizzi mill-operazzjoni tan-netwerk għadhom nieqsa.

Taħt il-proġett dwar *is-sigurtà tat-traffiku*, kważi l-kuntratti kollha issa huma magħluqa. L-element li jifdal biex jiġu eliminati postijiet fit-toroq li huma suxxettibbli għall-aċċidenti tlesta fit-tielet kwart tal-2012. Aktar azzjonijiet potenzjali f'dan is-settur se jkunu jiddependu fuq deċiżjoni ċara ta' politika mill-benefiċjarju

4.2.2. Objettiv 2: Il-Promozzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku

Ingħatat għajnuna lill-bdiewa, lill-veterinarji u lil dawk involuti fl-*iżvilupp rurali* dwar it-trobbija tal-annimali u tal-eradikazzjoni tal-mard, is-saħħa tal-pjanti, id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-biedja organika u l-appoġġ għall-

implimentazzjoni tal-għotjiet. Il-proġett ta' trobbija tal-annimali u t-tim tal-assistenza teknika li jappoġġja l-politika tal-iżvilupp rurali lestew l-attivitajiet tagħhom. Twettaq proġett pilota għall-użu mill-ġdid fl-agrikoltura tal-ilma tad-drenaġġ ittrattat u ġiet inizjata sorveljanza epidemjoloġika pilota għall-mard fost il-bhejjem tal-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż sabiex issir ħejjija għal intervent akbar fl-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali.

Tnediet sejħa għal għotja ta' EUR 3.3 miljun biex tiżdied il-kompetittività, id-diversifikazzjoni u s-sostenibbiltà" Tlestew għaxar proġetti ta' għotjiet mill-iskema tal-2009 "Żvilupp Komunitarju permezz ta' Inizjattivi fl-Irħula", iżda kien hemm dewmien f'numru ta' oħrajn, liema dewmien irriżulta, b'mod partikolari, minn xogħlijiet ta' infrastruttura permezz tal-kuntratti ta' għotja.

Taħt il-proġett *It-titjib ta' l-Infrastruttura Urbana u Lokali* implimentati permezz ta' ġestjoni konġunta mal-UNDP, it-tiġdid tas-suq l-antik fil-parti tat-tramuntana tal-belt iffortifikata ta' Nikosija tlesta kmieni fl-2012 u s-suq infetaħ mill-Kummissarju Füle f'Ġunju. Sabiex dan il-post storiku jingħata ħajja ġdida, ġew implimentati għotjiet żgħar, permezz tal-UNDP, għal attivitajiet kulturali u komunitarji. F'Diċembru saret is-sejħa għat-tieni għotja, immirata lejn is-suq f'Famagusta u Nikosija kif ukoll lejn dawk l-irħula fejn kienu twettqu rinnovazzjonijiet iffinanzjati mill-UE.

Fis-settur tal-*edukazzjoni*, sejħa ta' EUR 700 000: F'Settembru tnedew inizjattivi għall-iskejjel għall-innovazzjoni u l-bidla. Sebgħa mit-72 għotja mogħtija taħt sejħiet preċedenti komplew fl-2012 u fi tmiem is-sena, ħamsa minn dawn kienu waslu biex jintemmu.

Il-programm ta' assistenza teknika li jiżvilupp t-taħriġ vokazzjonali edukattiv u s-suq tax-xogħol (VETLAM) tlesta matul l-2012 u sar studju biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet futuri f'dawn l-oqsma.

B'appoġġ għall-kompetittività tal-SMEs, f'Ġunju tnediet skema ta' għotja ta' EUR 5 miljun bħala għajnuna fil-modernizzazzjoni tal-SMEs, b'parti minnha ddedikata għal kumpaniji ġodda. Saru sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-proċeduri għall-għotjiet tal-UE lil aktar minn 300 intrapriża Turko-Ċiprijotta. Ingħatat ukoll għajnuna rigward l-intraprenditorija, l-ICT, il-liġi tal-kumpaniji u l-ġestjoni tan-negozju. Ġiet stabbilita Unità għall-Amministrazzjoni tal-Proġetti (UAP) biex jingħata appoġġ lil benefiċjarji kemm ta' għotjiet għall-SMEs kif ukoll ta' għotjiet għall-iżvilupp rurali (ara hawn fuq). L-inizjattivi tas-swieq fiċ-ċentri tal-ibliet ta' Nikosija u ta' Famagusta bdew jippromwovu l-prodotti u s-servizzi lokali b'approċċi moderni ta' kummerċjalizzazzjoni. Sar xogħol ta' żvilupp fejn jidħlu strateġiji ta' kummerċ u ta' servizzi elettroniċi u sar workshop f'Diċembru dwar il-possibbiltà ta' appoġġ futur tal-UE għall-istrateġija għall-iżvilupp tas-settur privat.

Il-progress ekonomiku jiġi mmonitorjat permezz ta' Fond Fiduċjarju mal-Bank Dinji. F'Ġunju ġie ppubblikat rapport ta' aġġornament ekonomiku.

4.2.3. Objettiv 3: It-Trawwim tar-rikonċiljazzjoni, miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja, u l-appoġġ lis-soċjetà ċivili

Kompla jingħata appoġġ lill-*Kumitat dwar persuni nieqsa*, amministrat b'mod konġunt mal-UNDP, u ġie ffirmat Ftehim ta' Kontribuzzjoni ġdid. Matul l-2012 il-UNDP ffirma kuntratt mal-Kumitat Internazzjonali dwar Persuni Neqsin (ICMP) għal analiżi tad-DNA fil-faċilitajiet tal-ICMP fil-Bożnja u Ħerzegovina. Il-kisbiet tal-ICMP fl-2012 jinkludu: skavi fi 92 sit, 284 sett ta' fdalijiet ippreparati mil-laboratorju antropoloġiku u mibgħuta għal analiżi tad-DNA, 22 sett ta' fdalijiet ġew

identifikati u 22 sett ġew irritornati lill-familji tagħhom, għad-difna. Ikun importanti li jiżdied il-kontribut minn donaturi oħrajn.

Il-viżibbiltà tal-programmi issaħħet permezz tad-distribuzzjoni ta' fuljett lill-iskejjel u ta' żjara f'Ċipru organizzata min-NU ta' membri tal-familji ta' persuni nieqsa waqt il-kunflitti fil-Kosovo[6] u s-Serbja. F'Diċembru ttellgħet manifestazzjoni ta' mużika live mill-Kumitat għal Persuni Nieqsa (CMP), li għaliha attendew familji ta' persuni nieqsa.

Mis-27 proġett li jifdal iffinanzjati taħt tliet skemi ta' għotja tal-programm "Is-Soċjetà Ċivili Ċiprijotta fl-Azzjoni", 23 tlestew fl-2012. F'Diċembru tnediet valutazzjoni tal-impatt tal-appoġġ għas-soċjetà ċivili.

Il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali kompla permezz ta' Ftehim ta' Kontribuzzjoni ta' EUR 2 miljun iffirmat mal-UNDP f'April għal stabbilizzazzjoni ta' emerġenza f'siti magħżulin mill-kumitat tekniku bikomunali, inkluż it-Torri Othello f'Famagusta. Il-proġett ittardja bi tmien xhur minħabba bojkott mill-Għaqda tal-Kuntratturi tal-KTĊ minħabba l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni tad-disputi. Din il-problema ġiet solvuta definittivament kmieni fl-2013.

Tlesta l-proġett għat-*tneħħija tal-mini* fiż-żona ta' lqugħ u f'Marzu ġie organizzat avveniment, flimkien mal-UNDP, li jfakkar tmiem dan il-proġett, biex jitfakkar il-Jum Dinji tat-Tneħħija ta' Mini (fl-4 ta' April).

4.2.4. Objettiv 4: Il-Komunità Turko-Ċiprijotta titqarreb lejn l-UE

Wara ħames skemi annwali ta' borż ta' studju, saret evalwazzjoni fl-2012. Il-programm 2012-13 kien skema pilota, li adottat numru ta' proposti mill-evalwazzjoni, u ngħataw 28 borża ta' studju. Se jitwettqu rakkomandazzjonijiet oħra, inkluż it-twessigħ tal-iskema lill-professjonisti barra mill-oqsma akkademiċi kif ukoll l-għoti lil terzi tal-ġestjoni tal-għotjiet.

Il-proġett *InfoPoint* kompla bir-rwol tiegħu bħala mezz ta' informazzjoni lill-KTĊ, bit-tħejjija ta' avvenimenti, filmati u l-għoti ta' informazzjoni dwar sejħiet għall-għotjiet. Inżammet il-websajt b'żewġ lingwi, spiss ikkonsultata, u ġew ippubblikati sitt bulettini tal-aħbarijiet bit-Tork.

4.2.5. Objettiv 5: It-tħejjija biex il-komunità Turko-Ċiprijotta tkun tista' ddaħħal u timplimenta l-acquis

L-istrument tal-Kummissjoni għall-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) jgħin biex il-KTĊ titħejja għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE wara li tkun ġiet solvuta l-problema ta' Ċipru. It-TAIEX jappoġġa t-tħejjija ta' abbozzi legali konformi mal-acquis. Esperti tal-UE wettqu 415 azzjoni fl-2012, inkluż korsijiet ta' taħriġ, workshops, u żjarat ta' studju. Matul l-2012 kien hemm progress batut ħafna fl-abbozzar ta' testi legali immirati lejn l-allinjament mal-acquis, għalkemm ġew adottati testi legali dwar l-ambjent, is-saħħa tal-annimali u l-użu taċ-ċintorin ta' sigurtà Saret ukoll ħidma preliminari fejn jidħol il-Moviment Liberu tal-Merkanzija, id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali u r-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali.

L-appoġġ għall-kummerċ min-naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra (ir-Regolament 866/2004) kompla. L-esperti mill-Istati Membri tal-UE wettqu spezzjonijiet

[6] Din id-deżinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

fitosanitarji regolari tal-patata u l-prodotti taċ-ċitru. L-analiżi tal-għasel lokali wera li l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/330 (il-moviment tal-prodotti tal-annimali) ġew sodisfatti, biex b'hekk infetħet il-possibilità li jsir kummerċ tal-għasel skont ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra.

4.3. Eżekuzzjoni finanzjarja (kuntratti u pagamenti)

4.3.1. Għoti ta' kuntratti

L-impenji fl-2012 (EUR 14.6 miljun) kienu 85 % taċ-ċifra prevista. Il-mira ma setgħetx tintlaħaq minħabba dewmien fit-tnedija ta' sejħiet għall-għotja.

4.3.2. Pagamenti

Fl-2012, il-pagamenti kienu ta' EUR 25,2 miljun, 69 % tal-ammont imbassar. L-iżbilanċ kien kważi kollu kemm hu dovut għal nuqqas f'pagamenti għal kuntratti ta' xogħlijiet u ta' forniment mill-programm tal-2006. Il-pagament ta' 40 % dovut fuq l-aċċettazzjoni finali tas-sistema ta' telekomunikazzjoni ta' EUR 10 miljun ġie pospost għal wara l-2012 minħabba problemi ta' ttestjar.

4.4. Monitoraġġ

Peress li l-Kummissjoni taġixxi bħala awtorità kontraenti, il-livell ta' superviżjoni mill-persunal tal-Kummissjoni huwa għoli, bi żjarat fuq il-post, laqgħat fuq il-post, kumitati ta' treġija u rappurtaġġ fil-livell ta' unità ta' tmexxija tal-proġett (PMU). Barra minn hekk, il-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Implimentazzjoni (IRM) jipprovdi reviżjoni ddettaljata flimkien mal-benefiċjarji tal-proġetti kollha. L-attivitajiet tat-TAIEX huma monitorjati permezz ta' aktar minn 20 Grupp tat-Tmexxija tal-Proġett, kif ukoll isiru laqgħat biannwali tal-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ. Il-loġistika tat-TAIEX hija monitorjata permezz tas-Sistema onlajn għall-Ġestjoni tat-TAIEX.

Il-kapaċità baxxa tal-benefiċjarji tal-għotjiet tikkawża diffikultajiet fl-implimentazzjoni, pereżempju mal-proċeduri tal-akkwist tal-UE bl-użu tal-fondi tal-għotja. Biex tindirizza din il-problema, il-PMU, stabbilita fl-2008 biex tassisti l-proġetti ta' żvilupp rurali, ġiet estiża għas-settur tal-għotjiet għall-SMEs fl-2012.

4.5. Awditjar u kontrolli

Bejn l-2010 u l-2012, sar monitoraġġ finanzjarju fuq 96 benefiċjarju tal-għotjiet u sar 16-il proċess ta' awditjar. Il-problemi ġew iċċarat każ b'każ. Is-sejbiet dwar kuntratti ta' għotjiet kienu jinkludu osservazzjonijiet dwar il-kontabilità, l-akkwisti, ir-regola tal-oriġini, il-ġestjoni tal-baġit u l-VAT. Dan se jiġi indirizzat f'sejħiet għal għotjiet li se jsiru fil-futur permezz ta' taħriġ estiż kif ukoll ta' superviżjoni fuq min jieħu l-għotja. Il-kapaċità tal-awditjar intern tad-DĠ ELARG wettqet eżerċizzju ta' awditjar dwar l-Amministrazzjoni Konġunta biex jiġu vvalutati s-sistemi ta' kontroll intern tad-DĠ. Ir-rapport mistenni joħroġ fl-2013.

Il-Kummissjoni introduċiet titjib fl-implimentazzjoni tal-programm wara r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Hija għamlet ukoll proposti fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (MFF) għat-titjib tas-sostenibbiltà billi tiżdied il-prevedibilità tal-finanzjament.

4.6. Evalwazzjoni

Fl-2012 saru erba' evalwazzjonijiet fil-livell ta' settur/tal-ħtiġijiet fuq: 1) il-boroż ta' studju, b'konferma tal-apprezzament mill-benefiċjarji u rakkomandazzjoni li l-iskema titwessa'; 2) l-ilma/ilma tad-drenaġġ, bl-għoti ta' lista ċara ta' prijoritajiet; 3) it-taħriġ vokazzjonali/tagħlim tul il-ħajja, b'rakkomandazzjoni ta' eżeċizzju ta' segwitu għas-

servizzi ta' gwida għall-karriera u tal-impjiegi; 4) l-iskart solidu, l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fejn jidħol ir-riċiklar jew l-ikkompostjar, il-ħtieġa li jingħalqu l-miżbliet qodma u għal trattament aħjar tal-iskart mediku. Tnediet ukoll evalwazzjoni ġenerali tal-programm, li għandha titlesta fl-2013. L-evalwazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u tas-soċjetà ċivili ġew ikkuntrattati f'Diċembru.

4.7. L-Informazzjoni, il-Pubbliċità u l-Viżibilità

Kien hemm 86 azzjoni ta' viżibilità fl-2012, għadd konsiderevolment akbar mill-2011, inklużi ħafna avvenimenti marbuta ma' proġetti kif ukoll attivitajiet ta' informazzjoni jew ta' netwerking organizzati mill-InfoPoint. Ittella' avveniment fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa fil-Bedestan, li ġie restawrat mill-UE, kif ukoll ittella' avveniment mużikali CMP. Kien hemm wirjiet ta' arti u fotografija, avvenimenti u trasferimenti ta' proġett, flimkien ma' sessjonijiet ta' informazzjoni dwar għotjiet. Tħejja fuljett dwar il-kisbiet ewlenin taħt il-programm ta' għajnuna[7]. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ċipru qassmet stqarrijiet għall-istampa dwar il-Programm ta' Għajnuna għall-KTĊ.

4.8. Konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

Saru laqgħat regolari mar-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, b'mod partikolari meta uffiċjali għolja tal-Kummissjoni żaru l-gżira. Il-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq il-kooperazzjoni tiegħu għal verifika ta' drittijiet tal-proprjetà, u tiltaqa' wkoll regolarment mar-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-programm, li l-implimentazzjoni tiegħu bdiet effettivament fil-prattika fl-2009, ġab miegħu xi benefiċċji viżibbli lill-KTĊ matul l-2012, notevolment b'kontribuzzjonijiet kbar għal ġestjoni tal-ilma tad-drenaġġ u tal-iskart solidu. Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi, madankollu, sabiex ikun jista' jsir progress f'oqsma ambjentali oħra, b'mod partikolari fejn jidħol il-ħarsien tan-natura, u speċjalment fir-rigward ta' siti potenzjali tan-Natura 2000. Huwa importanti li jintwera li l-UE tista' tforni assistenza effettiva kif ukoll messaġġ pożittiv. Issa huwa f'idejn il-KTĊ biex tiżgura s-sostenibbiltà ta' proġetti li ġew konsenjati u li taċċellera l-implimentazzjoni tal-għajnuna.

Huwa diffiċli li jinkiseb progress lejn l-ilħuq tal-objettiv ewlieni tar-Regolament li titħaffef ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru bl-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku, minħabba l-kuntest li jeżisti fit-Tramuntana tal-gżira.

Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni mhix se tiffirma kuntratti li jkunu jinħtieġu garanziji bankarji sakemm tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

It-tħejjija għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni futura tal-acquis naqqset ir-ritmu fl-2012. Il-KTĊ teħtieġ appoġġ kunsiderevoli sabiex tlaħħaq mar-rekwiżiti tal-acquis f'ħafna oqsma wara li tinsab soluzzjoni u sseħħ ir-riunifikazzjoni. In-nuqqas ta' riżorsi, l-istrutturi ineffiċjenti u responsabbiltajiet mhux ċari għadhom kwistjonijiet serji li jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. Il-KTĊ serrħet moħħ il-Kummissjoni li l-assi ffinanzjati mill-UE ma jkunx suġġetti għall-privatizzazzjoni.

---

7 http://ec.europa.eu/cyprus/documents/2012/eu_assistance_to_tcc_brochure.pdf

Xi partijiet mill-programm ġew stabbiliti bħala elementi ewlenin li għandhom valur partikolari għall-bini tal-fiduċja jew biex il-komunità Turko-Ċiprijotta titqarreb lejn l-UE. Dawn jinkludu appoġġ għas-CMP u għall-Kumitat tal-Wirt Kulturali u programm ta' borża ta' studju.

It-tlestija ta' ħafna mill-proġetti tal-programm tal-2006 tikkostitwixxi pass naturali u sar sforz ta' evalwazzjoni konsiderevoli fl-2012.

Il-ippjanar fuq perjodu ta' żmien medju, kif ukoll għat-tul, jirrappreżenta sfida meta wieħed iqis li l-allokazzjonijiet annwali mhumiex prevedibbli. Setturi importanti għall-konformita mal-acquis fil-ġejjieni jeħtieġu sostenn pluriennali biex l-intervent ikun jista' jirnexxi bis-sħiħ. Fir-rapport tagħha għall-2012, il-QEA rabtet in-nuqqas ta' programmazzjoni pluriennali mal-problemi ta' sostenibilità tal-programmi.